MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 2521/1999/1

George **FARRUĠIA** u Salvina *sive* Silvana Farruġia

vs

Raymond **FARRUĠIA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-18 ta’ Novembru, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-Qorti (a) issib li x-xogħol magħmul mill-imħarrek fuq ordni tal-atturi sar ħażin, mhux skond is-sengħa u l-arti u baqa’ ma ntemmx; (b) issib li b’dan il-mod huma ġarrbu danni bi ħtija tal-istess imħarrek; (ċ) tillikwida d-danni mġarrba; u (d) tikkundanna lill-imħarrek iħallashom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fil-25 ta' Ġunju, 2001, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa għaliex huwa ħadem sewwa u għamel dak kollu miftiehem mal-atturi u huma ma ġarrbu l-ebda danni li għalihom għandu jagħmel tajjeb;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Novembru, 2001[1], li bih ħatret lil Renato Arcidiacono bħala perit tekniku;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-imsemmi perit tekniku fis-16 ta' Mejju, 2002[2], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tat-12 ta' Ġunju, 2003;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Ottubru, 2003, li bih tat direttivi lill-partijiet dwar il-mod kif kellhom jirregolaw irwieħhom fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-perit tekniku;

Rat in-Nota ta' Kritika mressqa mill-imħarrek fil-15 ta' Diċembru, 2003[3];

Semgħet ix-xhieda tal-perit tekniku mressaq b'xhud tal-atturi in eskussjoni[4];

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Frar, 2005[5], li bih reġgħet ħatret lill-imsemmi perit tekniku biex jagħti stima tal-valur tan-nuqqasijiet li huwa sab fl-għamara fl-ewwel rapport tiegħu;

Rat ir-rapport imressaq mill-perit tekniku fil-31 ta' Mejju, 2005[6], u minnu maħluf waqt is-smigħ tad-29 ta' Novembru, 2005;

Semgħet ix-xhieda tal-imħarrek;

---

[1] Paġ. 23 tal-proċess
[2] Paġġ. 33 – 7 tal-proċess
[3] Paġġ. 40 – 1 tal-proċess
[4] Paġġ. 48 – 9 tal-proċess
[5] Paġ. 50 tal-proċess
[6] Paġġ. 54 – 5 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta’ Novembru, 2006, li bih iddikjarat li ngħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta’ Mejju, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta’ twettiq ħażin ta’ appalt u għad-danni minħabba dak in-nuqqas. L-atturi qabbdu lill-imħarrek jagħmlilhom xi għamara għall-kamra tas-sodda, l-kċina, *spare bedroom* u xi bibien ta’ ġewwa. Billi jgħidu li waqaf fin-nofs u li x-xogħol li għamel ma kienx tajjeb, qegħdin jitolbuh jikkumpensahom għad-danni li ġarrbu minħabba n-nuqqasijiet tiegħu;

Illi l-imħarrek laqa’ għall-azzjoni attriċi billi qal li kulma għamel sar sewwa, skond il-ftehim li huwa kellu mal-atturi u minn dak li għamel ma seta’ jkun qatt li huma jġarrbu xi danni. Għalhekk, jiċħad li għandu jagħmel tajjeb għal xi nuqqas li minnu jilmintaw;

Illi mill-ftit <u>fatti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-imħarrek ilu jaħdem bħala mastrudaxxa għal bosta snin[7] minn ditta bl-isem ta’ “*Woodgrain Furniture*” bis-sedi tagħha f’Birkirkara. F’Novembru tal-1993[8], l-atturi ordnaw mingħandu xi għamara fosthom żewġ bibien, xambrelli tal-bibien, armadju tal-kċina, kamra tas-sodda ewlenija u kamra tas-sodda *spare* kollha għall-prezz ta’ tmintax-il mitt lira Maltin. Ma ssemmiet l-ebda data tal-konsenja. F’April tas-sena ta’ wara[9], waqt li kien għadu qiegħed iwettaq l-ewwel ordni, l-atturi reġgħu ordnaw mingħandu bieb, erba’ siġġijiet u mejda. Mal-ewwel ordni, l-atturi ħallsu somma

---

[7] Xhieda tiegħu 2.11.2006, f’paġ. 64 tal-proċess
[8] Dok “RF1”, f’paġ. 61 tal-proċess
[9] Dok “RF2”, f’paġ. 62 tal-proċess

akkont u mbagħad baqgħu jħallsu akkonti oħrajn minn żmien għal żmien;

Illi l-atturi ma xehdux f'din il-kawża. Ix-xhud waħdieni kien l-imħarrek, li qal ukoll li d-dar li fiha kien mar ikejjel l-ewwel darba nbiegħet mill-atturi u x-xogħol magħmul minnu tqiegħed f'dar oħra f'Ħal Qormi stess. Jisħaq li xi xogħol li ra meta mar mal-perit tekniku għall-aċċess kien differenti minn kif kien ikkonsenjah hu, u jgħid li ma rahx bħalma kien ikkonsenjah. L-imħarrek jgħid li mill-ewwel ordni l-atturi ma ħallsuhx xi tliet mija u ħamsin lira, filwaqt li mit-tieni ordni ma ħallsuh xejn. Hu jgħid li kien fetħilhom kawża għall-ħlas tal-bilanċ u sa dak inhar l-atturi qatt ma kienu lmentaw miegħu dwar xi xogħol li ma kienx jogħġobhom. Il-kawża nfetħet f'Novembru tal-1999;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jitnisslu mill-kontestazzjoni bejn il-partijiet jduru mal-fatt tal-appalt mogħti lill-imħarrek mill-atturi. Il-kwestjoni ewlenija hi jekk kemm-il darba l-imħarrek naqasx milli jwettaq kif imiss dak li kien mitlub jagħmel. Huwa jgħid li għamel dak li ntalab u skond ma ntalab. Jiċħad li ħadem ħażin u jżid jgħid li tant ma kienx naqas lejn l-atturi li saħansitra reġgħu qabbduh mill-ġdid biex ifornihom b'għamara f'ordni oħra li reġgħu għamlu miegħu;

Illi ż-żewġ argumenti ewlenin li jressaq l-imħarrek huma (a) li huwa wettaq dak li talbuh l-atturi u skond ma talbuh, u (b) li l-atturi nfushom bagħbsu mal-għamara konsenjata u b'hekk ikkontribwew għal bosta mit-tgħarriq li ġarrbet l-għamara;

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali ġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[10]. Meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi

[10] Art. 1125 tal-Kap 16

spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[11]. Jekk, fir-rabta tal-obbligazzjoni, jkun ingħata żmien għat-twettiq tagħha, id-debitur li jħalli ż-żmien jgħaddi jitqiegħed *in mora* u jibdew jgħaddu mgħaxijiet kontrih favur il-kreditur. Iżda fejn ma jkunx ingħata żmien għall-obbligazzjoni jew fejn, minkejja li jkun ingħata żmien, id-debitur imut qabel ma jgħaddi dak iż-żmien, id-debitur jew il-werrieta tiegħu jitqegħdu *in mora* biss wara li jiġu msejħin b'att ġudizzjarju[12];

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[13]. Ġie wkoll stabilit li, f'każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, il-kreditur tal-obbligazzjoni jista' jagħżel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq, ukoll kontra r-rieda tad-debitur, jew inkella li jitlob li jitħallas għad-danni li jkun ġarrab minħabba n-nuqqas ta' twettiq[14];

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[15]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[16]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[17];

Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef[18], sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett

---

[11] Art. 1127 tal-Kap 16
[12] Art. 1130 tal-Kap 16
[13] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
[14] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXIV.ii.578**)
[15] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[16] Art. 1133 tal-Kap 16
[17] Art.1134 tal-Kap 16
[18] Art. 1135 tal-Kap 16

immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[19]. Fejn in-nuqqas ta’ twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata’ jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[20];

Illi, kif ingħad qabel, għal raġunijet li jafuhom huma biss, l-atturi ma xehdu qatt f’din il-kawża, minkejja li kien ingħatalhom żmien iżjed minn biżżejjed biex jagħmlu dan. Jidher li huma straħu fuq il-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit Tekniku maħtur f’din il-kawża, li sab li partijiet mix-xogħol kien sar ħażin. Minn dawn il-fehmiet, ma jirriżultax li l-imħarrek waqaf mill-appalt qabel temmu, imma jirriżultaw xi nuqqasijiet li b’xi mod irid iwieġeb għalihom l-imħarrek;

Illi l-imħarrek iqajjem il-kwestjoni li x-xogħol għamlu kif talbuh jagħmlu l-atturi kommittenti. B’mod partikolari, huwa jgħid li huma ma ridux jonfqu ħafna flus u li l-ħsieb tagħhom kien li l-għamara jagħmluha biex il-post li kellha titqiegħed fih ikun jidher mgħammar ħalli b’hekk ikunu jistgħu jħajru ’l min jixtri l-post iżjed malajr;

Illi huwa magħruf li l-prinċipju ewlieni li jħares il-kuntratt tal-appalt huwa dak li l-appaltatur irid iwettaq dak li jitqabbad jagħmel skond l-aħjar sengħa u ħila tiegħu biex jingħata xogħol tajjeb[21]. B’mod partikolari, l-appaltatur ma jistax iressaq ’il quddiem id-difiża li x-xogħol ma sarx tajjeb għaliex sar kif riedu l-kommittent, għaliex l-appaltatur irid jirreżisti kull intromissjoni tal-kommittent jekk minħabba dak l-indħil jew insistenza x-xogħol ma jkunx se’ jsir skond ma jitolbu s-sengħa u l-arti[22];

Illi l-imħarrek jgħid ukoll li parti mix-xogħol li minnu jilmintaw l-atturi kien mixtri lest u m’għamlux hu (b’riferenza għas-siġġijiet tal-kamra tal-ikel). Dan l-argument ukoll m’huwiex attendibbli għaliex fil-kuntratt

[19] Art. 1137 tal-Kap 16
[20] Art. 1136 tal-Kap 16
[21] App. Kumm. **1.3.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Guillaumier noe vs Borġ Cardona*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.438**)
[22] P.A. **8.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Pisani vs Debattista*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1003**)

sinallagmatiku tal-appalt ir-relazzjoni tal-kommittent hija biss mal-appaltatur u dan iwieġeb għal kull nuqqas ta' nies imqabbda minnu jew sub-appaltaturi oħra[23], sakemm tali nuqqas ma jkunx għal kollox maqtugħ minn dak li jkun miftiehem fl-appalt ewlieni[24];

Illi lanqas ma jiswa l-argument tal-imħarrek li x-xogħol mogħti lill-atturi kien approvat minnhom u li tant ma kellhomx ilmenti li saħansitra reġgħu qabbduh jagħmlilhom xogħol ieħor ftit taż-żmien wara li ordnaw l-ewwel xogħol. Fl-ewwel lok, irid jingħad li t-tieni ordni saret waqt li kien għadu għeddej ix-xogħol fuq l-ewwel ordni. Ma jirriżultax jekk mal-għoti tat-tieni ordni x-xogħol tal-ewwel waħda kienx ġie konsenjat diġa'. F'kull każ, ċerti nuqqasijiet f'xogħol mogħti ma jidhrux mill-ewwel u joħorġu wara żmien ta' użu, bħalma jidher li kien il-każ fl-appalt tal-lum. Fit-tieni lok, il-fatt li jsir ilħlas jew ħlas akkont jew li x-xogħlijiet ikunu ġew approvati mill-kommittent m'humiex tarka li warajha l-appaltatur jista' jistkenn dejjem mix-xilja tat-twettiq ħażin tal-appalt[25];

Illi meta wieħed jifli l-fehmiet tal-perit tekniku, wieħed għandu jsib li tassew kien hemm xi nuqqasijiet bażiċi fil-mod kif l-imħarrek wettaq l-appalt u ta' dawn irid iwieġeb. Huma nuqqasijiet li jmorru lil hinn minn xi tbagħbis li seta' sar fl-għamara mill-atturi nfushom matul iż-żmien li nqdew biha, għaliex jidher li huma nuqqasijiet li kienu sa mill-bidu. Il-Qorti tqis, madankollu, li dawn in-nuqqasijiet ma kinux ta' sura gravi, essenzjali jew estensiva li jwasslu biex jinstab li l-imħarrek naqas milli jwettaq l-appalt;

Illi l-fatt li xogħol mogħti b'appalt ikun fih xi nuqqasijiet ma jwassalx b'daqshekk li l-appaltatur naqas li jwettaq dak li ntrabat għalih u li dak in-nuqqas iqiegħed lill-istess appaltatur responsabbli għad-danni lejn il-kommittenti tiegħu[26]. Kemm hu hekk, fejn nuqqasijiet bħal dawn jirriżultaw li m'humiex ta' xejra essenzjali li jivvizzjaw il-

[23] App. Kumm. **24.10.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo noe vs Abela noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.601**)
[24] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Schembri vs Emanuel Caruana***
[25] Per eżempju, ara P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brownrigg noe vs Mario Spiteri***
[26] App. Kumm. **11.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XLII.i.699**)

kuntratt jew jagħtu lok għall-patt kommissorju, l-appaltant ikollu l-jedd biss li jitlob li tali nuqqasijiet jissewwew jew li jingħata tnaqqis fil-prezz tax-xogħol appaltat[27]. Hu huwa biss meta tali tiswijiet ma jkunux għadhom jistgħu jsiru aktar li l-kommittent jingħatalu l-jedd li jfittex għad-danni[28];

Illi, fil-każ tal-lum, għal dak li jirrigwarda d-danni mġarrbin mill-atturi jerġa' jingħad li huma naqsu għal kollox milli jippruvaw x'inhuma u kemm jammontaw id-danni minnhom reklamati. Il-fatt waħdieni li joħroġ mill-atti hu li x-xogħlijiet nieqsa jistgħu jissewwew. F'dan ir-rigward, il-Perit Tekniku wasal għall-fehma li l-ispejjeż mġarrbin mill-attur jammontaw għal mhux iżjed minn mija u sittin lira Maltin (Lm 160)[29]. Dan huwa ammont *de minimis* meta mqabbel mal-ammont sħiħ tax-xogħol appaltat li jilħaq madwar elfejn lira;

Illi r-raġunament imfisser fir-Rapport imressaq mill-perit tekniku jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux[30]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha[31], madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli[32];

Illi, fuq kollox, għajr għat-tentattiv tal-atturi li jikkontestaw is-sejbiet tal-perit tekniku bit-talba tagħhom għall-ħatra ta' periti addizzjonali – talba li huma mbagħad ma baqgħu

[27] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Stivala noe vs Hector Borġ pro et noe***
[28] P.A. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Cuschieri*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.iii.190**)
[29] Li jġibu € 372.70 fi flus tal-lum
[30] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Camilleri vs Carmel Debattista et***
[31] Art. 681 tal-Kap 12
[32] App. Ċiv. **23.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja et vs Muscat et*** (Kollez. Vol: **LI.i.389**)

jisħqu dwarha aktar – ma tressqet l-ebda raġuni tajba għaliex il-Qorti għandha titbiegħed mill-konklużjonijiet milħuqa mill-espert minnha maħtur;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** limitatament billi ssib li x-xogħol li l-atturi qabbdu lill-imħarrek jagħmel fih nuqqasijiet iżda ma jistax jingħad li tali nuqqasijiet iwasslu għal inadempiment tal-kuntratt. Iżda jidhrilha li għal dawn in-nuqqasijiet, l-imħarrek irid jagħmel tajjeb lill-atturi billi jikkunmpensahom fis-somma ta' tliet mija u sebgħin euro (€ 370) li huma l-ispejjeż meħtieġa biex isiru t-tiswijiet fuq l-għamara skond l-imsemmija nuqqasijiet;

**Tiċħad it-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet attriċi** billi l-atturi naqsu li jippruvaw kif meħtieġ li huma ġarrbu xi danni minħabba l-imsemmija nuqqasijiet, u l-Qorti jidhrilha li t-tnaqqis fil-przz hawn fuq imsemmi huwa kumpens biżżejjed u xieraq għalihom;

**Tikkundanna** lill-imħarrek li jħallas lill-atturi s-somma ta' € 370 kif fuq imsemmija, bl-imgħaxijiet legali b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------